

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Korkein hallinto-oikeus (il-Finlandja) fit-28 ta' Mejju
2020 – B Oy**

(Kawża C-223/20)

(2020/C 262/23)

Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż

Qorti tar-rinviju

Korkein hallinto-oikeus

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: B Oy

Konvenut: Veronsajjen oikeudenvolvontayksikkö

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 4 tad-Direttiva 92/83/KEE (¹) għandu jiġi interpretat fis-sens li Stat Membru li, konformement ma' dan l-artikolu, japplika rati ta' sisa mnaqqsa fuq il-birra prodotta fil-birrerji indipendenti ż-żgħar, għandu japplika wkoll id-dispożizzjoni, stabilita fit-tieni sentenza tal-Artikolu 4(2) ta' din id-direttiva, li tirrigwarda dik li tissejjaħ it-taxxa komuni fuq il-birrerji ż-żgħar, jew l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni għandha titħalla fid-diskrezzjoni ta' dan l-Istat Membru?

- 2) It-tieni sentenza tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 92/83 għandha effett dirett?

(¹) Direttiva tal-Kunsill 92/83/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-armonizzazzjoni ta' l-istrutturi tat-taxxi tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolo 9, Vol. 1, p. 206).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Augstākā tiesa (Senāts) (il-Latvja) fl-4 ta' Ġunju 2020 –
SIA “Sātiņi-S” vs Lauku atbalsta dienests**

(Kawża C-234/20)

(2020/C 262/24)

Lingwa tal-kawża: il-Latvjan

Qorti tar-rinviju

Augstākā tiesa (Senāts)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: SIA “Sātiņi-S”

Parti oħra fil-proċedura: Lauku atbalsta dienests

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 30(6)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (¹), għandu jiġi interpretat fis-sens li art bil-pit hija kompletament eskluża mill-ħlasijiet taħbi Natura 2000?

- 2) F'każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda, l-art bil-pit tagħmel parti miż-żoni agrikoli jew forestali?